7

Avviż Numru CCT 142/18/F

**Jason Falzon**

**vs**

**Blye Co. Ltd.**

Illum 8 ta' Jannar, 2019

**It-Tribunal**

Wara li ħa konjizzjoni tal-Avviż fl-ismijiet fuq premessi ppreżentati fit-12 ta' Settembru, 2018 fejn ir-rikorrenti talab danni ta' tmienja u tmenin ewro, u tnejn u tmenin ċenteżmi (€88.82), rappreżentanti l-prezz ta' pompa li wara li r-rikorrenti stess installha, ma baqgħetx taħdem sew.

Is-soċjeta' ntimata ppreżentat risposta bil-miktub għal din it-talba, u attendiet għas-seduta.

Illi wara li sema' x-xhieda ġuramentata tar-rikorrenti li huwa l-istess rikorrenti, u wara li sema' x-xhieda tas-soċjeta' ntimata li hija rappreżentanta tal-istess soċjeta' ntimata, u wara li ħa konjizzjoni tal-fatti kif ukoll taċ-ċirkostanzi kollha tal-każ;

**Ikkunsidra s-segwenti:**

Ir-rikorrenti ssottometta bil-miktub illi huwa kien xtara pompa, u wara għaxar xhur partijiet minnha ma kinitx taħdem.

Ix-xhud tas-soċjeta' ntimata ssottomettiet li skond l-informazzjoni tat-technician it-tort huwa tar-rikorrenti u għalhekk mhux dovuti li jħallsu.

It-Tribunal, wara li sema' lill-partijiet, jinnota li mhux konvint bil-verżjoni tal-intimat, u lanqas tella' lit-technician sabiex jiġġustifika dak li qed jiġi allegat li wara għaxar xhur pompa m'għandhiex għalfejn tmur, u li t-Tribunal jinnota wkoll li minkejja li l-intimat kien mistieden sabiex imur jara jekk kienx hemm xi problema bl-installazzjoni, l-intimat ma marx.

**Għal dawn il-motivi:**

It-Tribunal, qed jilqa' t-talba tar-rikorrenti, u jordna lis-soċjeta' ntimata tħallas lir-rikorrenti s-somma ta' ħamsin ewro (€50), u bl-ispejjeż jiġu supportati ugwalment bejn iż-żewġ partijiet, u b'dan illi l-pompa tibqa' propjeta' tar-rikorrenti.

**Avv Martin Fenech**
**Arbitru**

47A, SOUTH STREET, VALLETTA VLT 1101 – MALTA
TELEPHONE: (+356) 21227070. FAX: (+356) 21239888